**5 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Mro. Giuseppe Camilleri

*versus*

Joseph Bezzina

**Ritrattazzjoni — Dispożizzjonijiet Kontradittorji fis-Sentenza — Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi — Art. 814 (d) u (e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Biex tista' tingħata ritrattazzjoni ta' kawża fuq il-motiv illi s-sentenza attakkata fiha dispożizzjonijiet kontradittorji, jeħtieġ illi l-kontradizzjoni tkun mhux fil-motivazzjoni tas-sentenza, imma fil-parti dispożittiva, jew fil-konfront bejn il-motivazzjoni u l-parti dispożittiva. U biex tista' jingħad illi fl-istess ġudikat ikun hemm dispożizzjonijiet kontradittorji hemm bżonn illi dawk id-dispożizzjonijiet ikunu jiddistruġġu lil xulxin, b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu eżegwiti kollha. Meta, mbgħad, id-dispożizzjoni fis-sentenza hi "waħda", ma jistax ikun hemm dispożizzjonijiet kuntrarji fl-istess sentenza.*

*Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, jeħtieġ essenzjalment illi, meħud il-fatt kif stabbilit fis-sentenza, id-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi; basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun ippronunzjat ruħha espressament.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imsemmi Maestro Giuseppe Camilleri quddiem il-Board li Jirregola l-Kera taż-17 ta' Frar 1956, li bih talab li jiġi stabbilit il-kera xieraq tal-appartament nru. 10 f'"Camilleri Flats", no. 60 Carmel Street, Sliema, li hu bini ġdid skond il-liġi;

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tas-26 ta' Jannar 1957, li biha stabbilixxa l-kera tal-fond bħala "old house" fl-ammont ta' £22 fis-sena;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Diċembru 1957 li biha, fuq l-appell tal-istess Maestro Camilleri mis-sentenza tal-Board, ġie dikjarat illi l-fond hu "bini ġdid", u l-atti ġew rinvijati lill-Board biex il-kera jiġi stabbilit bħala għal "bini ġdid";

Rat is-sentenza l-oħra tal-Board tat-23 ta' Ġunju 1958, li biha l-kera ġie fissat għal £26, pagabbli bit-tliet xhur bil-quddiem;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Jannar 1959, li biha l-appell tal-istess Maestro Camilleri mis-sentenza tal-Board l-aħħar imsemmija ġie miċħud, u dik is-sentenza ġiet konfermata, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat il-petizzjoni tal-istess Maestro Camilleri, li biha talab li din l-aħħar sentenza tiġi mħassra u li jiġi ritrattat il-meritu, billi, għall-motivi sottomessi f'dik il-petizzjoni, jiġi deċiż (1) li l-kera xieraq tal-appartament in kwistjoni jiġi stabbilit mingħajr ma jiġi applikat il-proviso li jiġi wara subsection (ii) tas-section 2 tal-Ordinanza XVI tal-1944 billi jiġi hekk fissat il-kera xieraq skond il-liġi; (2) u li l-ispejjeż rikorrenti li hu qed iħallas għall-illuminazzjoni u ħasil tat-taraġ tal-appartament jiġu ammessi u ratizzati fil-kalkolu tal-kera xieraq tal-appartament in kwistjoni; u l-ispejjeż kollha tal-ġudizzju taż-żewġ istanzi u tar-ritrattazzjoni jiġu mħallsa mill-konvenut;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Il-motivi li fuqhom il-petizzjonant qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni huma dawn:—

(a) Li fis-sentenza attakkata hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin, u dan, skond l-art. 814 (i) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, huwa raġuni valida għar-ritrattazzjoni;

(b) U f'dik is-sentenza hemm ukoll applikazzjoni ħażina tal-liġi, li fuqha din il-Qorti ma tatx espressament de-

ċiżjoni, u, skond l-art. 814 (e) ta' dak il-Kodiċi, dan ukoll huwa raġuni valida ta' ritrattazzjoni;

Dwar l-ewwel motiv, il-petizzjonant issottometta li l-kontradizzjoni teżisti bejn, minn naħa waħda, id-dispożittiv tas-sentenza mpunjata, li bih ġiet konfermata s-sentenza tal-Board, "jiġifieri", jgħid il-petizzjonant, li l-post in kwistjoni għandu jiġi magħdud bħala "new house" meħud in konsiderazzjoni l-ħlas riċevut mill-War Damage Commission fuq is-sit fejn il-lum hemm il-blokk ta' appartamenti, u għalhekk skond subsection (6) ta' section 3 tal-Ordinanza XVI tal-1944 dan l-ifissar ta' kera tal-post in kwistjoni huwa 'definite', u, minn naħa l-oħra, il-bran tas-sentenza mpunjata (li l-petizzjonant isejjaħlu "dispożizzjoni") fejn jingħad "minn dan li ntqal għandna ż-żewġ kondizzjonijiet li huma kontemplati mill-proviso tal-liġi fuq imsemmi, u li għalhekk jirrenduh applikabbli, ċjoè għandna fond ġdid (1) li nbena fuq is-sit tal-bini l-qadim, (2) u li għal dan il-bini l-qadim tħallas kumpens mill-War Damage Commission;

Ikkunsidrat, fuq dan il-motiv;

L-ewwelnett, il-kwistjoni jekk il-fond "de quo" huwa bini ġdid jew le "ma ġietx" definita bis-sentenza mpunjata. Dik il-kwistjoni kienet ġa qabel ġiet deċiża minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tal-4 ta' Diċembru 1957. L-unika kwistjoni deċiża bis-sentenza mpunjata (barra l-kwistjoni nċidentali dwar l-ispejjeż tal-ħasil u l-illuminazzjoni tat-taraġ tal-blokk tal-flats, li dwarha jingħad il-quddiem) kienet jekk għall-iffissar tal-kera xieraq tal-appartament in kwistjoni kienx applikabbli l-proviso tal-liġi fuq imsemmi. Dik is-sentenza rriteniet li dak il-proviso "hu" applikabbli, u "għalhekk' ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Board bla ma daħlet fil-kwistjoni ta' fatt;

Issa, jekk il-bran tas-sentenza mpunjata li l-petizzjonant jissenjala bħala d-dispożizzjoni kontradittorja mad-deċiżjoni finali ta' konferma tas-sentenza tal-Board, jitqies, kif fil-fatt hu, bħala parti mil-"motivazzjoni" ta' dik id-deċiżjoni finali, dan l-ewwel motiv ta' ritrattazzjoni nvokat mil-petizzjonant jisparixxi mill-ewwel, anki kieku, għall-grazzja tal-argument, kien hemm tassew kontradizzjoni.

ġie kostantement ritenut mill-ġurisprudenza tagħna illi "la contradizione non si ha da ritrovare nei motivi della sentenza, poichè la decisione del giudice sta nel dispositivo della sentenza, non nei motivi, che costituiscono soltanto la parte razionale, la spiegazione del dispositivo; la contradizione, invece, che può fornire motivo di ritrattazione, deve ritrovarsi nel dispositivo, poichè quando vi è siffatta contradizione, manca la base della sentenza stessa, la certezza del giudicato, la quale è esclusa e distrutta dalla contradizione delle varie disposizioni della sentenza o meglio delle contradizioni nel dispositivo" (Vol. XXV-I-139);

Fis-sentenza riportata fil-Vol. XXVII-I-670 ġie similment ritenut, fuq l-awtorità ta' sentenzi preċedenti, illi "per il verificarsi del motivo sopra accennato di ritrattazione occorre che le denunciate contraddizioni si riscontrino nella parte dispositiva della sentenza, e non nella motivazione, o nel confronto tra la motivazione e la parte dispositiva". L-istess ħaġa ġie ritenut fis-sentenza l-oħra, ukoll ta' din il-Qorti, riportata fil-Vol. XXIX-I-803. Hekk ukoll fis-sentenza fil-Vol. VII, p. 529. fejn jingħad:— "Per dirsi che un medesimo giudicato racchiude disposizioni contrarie, è mestieri che le disposizioni si distruggano reciprocamente, per modo che non possano tutte eseguirsi";

Imma kieku, "ex hypothesi", il-konklużjoni raġġunta mill-Qorti fil-bran tas-sentenza mpunjata fuq riportat, bħala riżultat tal-konsiderazzjonijiet premessi għalih, kellha titqies bħala parti mid-dispożittiv, huwa sempliċement assurd li jingħad illi hemm kontradizzjoni ta' ħaġa ma' oħra. Dik il-konklużjoni hija r-risposta li l-Qorti tat għall-kweżit li kienet għamlet lilha nnfisha preċedentement, meta qalet:— "Għalhekk il-kwistjoni kollha hi jekk il-fond in kwistjoni jistax jingħad li bħala bini ġdid hu 'erected in whole or in part out of or on the site of the former building' li għalih "ex concessis" il-War Damage Commission ħallset kumpens. Jekk ir-risposta għal dan il-kweżit hija affermattiva, il-Board għamel sewwa li ffissa il-'fair rent' in bażi għal dik id-dispożizzjoni" (ol. 115). Wara li fuq dan il-kweżit il-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, waslet għall-konklużjoni fuq imsemmija, ċjoè illi fil-każ in kwistjoni kien hemm iż-żewġ kondizzjonijiet li huma kontem-

plati mill-proviso tal-liġi li jirrenduh applikabbli. "Għal-hekk", ikkonkludiet finalment is-sentenza mpunjata, "fuq il-punt ta' liġi li jirrendi s-sentenza tal-Board appellabbli lil din il-Qorti, iasib illi l-Board iddeċieda tajjeb" (fol. 118). Kwindi l-Qorti kkonfermat id-deċiżjoni tal-Board;

Minn dan hu ċar illi d-"dispożizzjoni" tas-sentenza mpunjata hi "waħda". Lanqas biss, għalhekk tista' tqum il-kwistjoni jekk hemmx "dispożizzjonijiet kontra xulxin". Talvolta, għall-grazzja tal-argument, il-petizzjonant jista' jallega illi dik l-unika "dispożizzjoni" hi konfliġġenti mal-liġi (dak li jiġi diskuss aktar il-quddiem), iżda żgur ma jistax jallega kontradizzjoni "ta' dispożittiv ma' ieħor";

Ikkunsidrat;

Fit-tieni lok, il-petizzjonant issottometta illi s-sentenza appellata għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi, u dan għaliex fl-interpretazzjoni tal-Proviso fuq imsemmi l-Qorti "applikat il-parti tad-definizzjoni ta' "dwelling house", li tgħid li tfisser "a building", u ma applikatx dik il-parti li tgħid illi "dwelling house" tfisser "a part of building separately let";

Din hi allegazzjoni kompletament gratuwita, li għaliha ma hemm ebda bażi fis-sentenza attakkata;

Skond il-liġi, biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, jeħtieġ essenzjalment illi, meħud il-fatt kif stabbilit fis-sentenza, id-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun ippronunzjat ruħha espressament. Il-petizzjonant donnu jrid jgħid illi, kieku l-Qorti żammet quddiem għajnejha l-fatt illi l-post in kwistjoni hu "parti ta' bini mikri għalieh", ma kienetx tirritjeni illi l-proviso fuq imsemmi hu applikabbli għall-każ;

B'dan il-mod, il-petizzjonant mhux jagħmel ħaġ'oħra ħlief jittanta jirrinvanga l-kwistjoni li kienet quddiem il-Qorti fl-appell, u ġiet deċiża bis-sentenza mpunjata. Infatti, fil-petizzjoni tal-appell kien ġie sottomess lill-Qorti illi l-pro-

viso fuq imsemmi ma kienx applikabbli, għaliex għarrigward tal-appartament in kwistjoni l-petizzjonant ma kien irċieva ebda kumpens mill-War Damage Commission. Dan l-appartament, jiġifieri, ikompli jingħad f'dik il-petizzjoni, din il-parti tal-blokk bini mikrija għaliha separata, ma kienx jeżisti qabel il-bini l-qadim ġie distrutt bil-gwerra. Fl-istess petizzjoni ġie testwalment rilevat illi, skond il-liġi, "a dwelling house means a building, part of a building, separately let, or a room separately let", u għalhekk, issokta jingħad, fil-każ preżenti "a dwelling house" tfisser "part of a building separately let" (fol. 92 tergo);

L-istess ħaġa ġiet ribadita fin-nota tal-osservazzjonijiet f'dak l-appell (fol. 109), fejn il-petizzjonant reġa qal illi l-proviso ma għandux ikun applikat, "għaliex l-appellant ma ħax ħlas tal-War Damage dwar il-fond in kwistjoni li hu mikri separat għalieh";

"Din" kienet *il-kwistjoni kollha li kellha tiġi deċiża* "fl-appell", u li ġiet "deċiża" bis-sentenza mpunjata. F'dik is-sentenza ġie konstatat illi d-dar il-qadima ġiet konvertita f'garages u stores, u fi "blokk ta' appartamenti", u li l-fond in kwistjoni huwa "wieħed mill-flats kompriżi f'dak il-blokk". Ġie trattat l-argument tal-appellant illi dak il-fond "ma kienx jeżisti" qabel, u l-argument l-ieħor illi l-ħlas tal-War Damage Commission ma kienx għal "dak il-fond" — liema argumenti ġew kollha miċħuda in vista tat-test ċar tal-liġi u tal-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti dwarhom;

Dan kollu juri aktar ċar mid-dawl tax-xemx illi l-fatt li l-fond in kwistjoni "kien parti minn blokk ta' *flats* mikri għalieh" kien il-ħin kollu quddiem il-Qorti fl-interpretazzjoni li kienet qegħdha tagħti tal-liġi, u b'dan kollu l-Qorti rriteniet illi l-proviso fuq imsemmi jgħodd għal dak il-fond ukoll;

Għalhekk, il-kwistjoni issa sollegata mill-petizzjonant mhix ħaġ'oħra ħlief l-istess kwistjoni espressament deċiża fis-sentenza mpunjata. Il-fatt li dik hi żbaljata mhix raġuni għar-ritrattazzjoni. "In vero, è comune dottrina assodata da costante giurisprudenza, di non essere ammissibile la ritrattazione per mala applicazione di legge quando la

Corte, ragionando sul fatto dedotto ed interpretando una disposizione di legge, applica la stessa . . . . mentre si pretende essere stata erronea la fattavi interpretazione" (Vol. XXVIII-I-637). "Jiġi għalhekk", kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Jannar 1957 in re "Gerada vs. *Dr. Caruana*", "li *dan il-motiv ta' ritrattazzjoni jirriżolvi* ruħu fi kritika tas-sentenza mpunjata — ħaġa li mhix permessa, għaliex, skond il-liġi, jista' jkun hemm lok għar-ritrattazzjoni meta, fuq il-fatt kif stabbilit mill-Qorti, id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġew applikati ħażin, u mhux meta l-Qorti nterpretat dawk id-dispożizzjonijiet u, in vista ta' *dik l-interpretazzjoni*, tkun waslet għal ċerta konklużjoni";

Aktar reċentement, din l-istess Qorti, fil-kawża "Saċ. G. Aquilina vs. Fco. Aquilina", 18 ta' April 1958, osservat illi "ma jistax jiġi permess illi, taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerġa jiftaħ il-kawża, u b'hekk, kif qalet is-sentenza Vol. VI, paġ. 365, jiġi ndirettament kreat tribunal tat-tielet istanza; molto pjù illi, kif anki osservat, "non vi è un caso in cui la parte soccombente non possa pretendere essere stata a suo danno commessa un'ingiustizia";

Del resto, biex il-petizzjonant jipprova juri illi l-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza mpunjata hija ħażina, hu qabad u ħoloq minn rasu test ta' liġi ġdid, li fih ħalla barra l-parti tat-test awtentiku li sab inkonvenjenti, u mbgħad żied fil-bqija (bħala, qal hu, "understood"), kliem ieħor li għoġbu, b'mod, fil-kumpless, li ffalża għal kollox it-test tal-liġi, sa fejn dak ir-rimaneġġjament hu intelliġibbli. Jekk it-test veru *tal-liġi kellu jiġi* ampljat bl-introduzzjoni fih tad-definizzjoni ta' "dwelling house" (jew, insomma, tal-parti tagħha li jrid il-petizzjonant), dan lealment jiġi jinqara hekk:— "Provided that where a payment under the War Damage Ordinance . . . . is made by, or is due in respect of a former building out of which or on the site of which (a new building or a part of a building separately let) is erected in whole or in part, for the purpose of computing the fair rent of that (new building or part of a building separately let) the return of that part of the capital outlay "thus" contributed by or due from the War Damage

Account shall in no case exceed one year's fair rent of the *former building* as *on* 31st March, 1939 . . . . ";

Parafrażat b'dan il-mod, it-test tal-liġi mhux talli ma jurix li l-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza mpunjata hi żbaljata, iżda talli juri, bla bżonn ta' ebda komment jew spjegazzjoni, illi dik l-interpretazzjoni hi korretta. Il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-proviso jibqgħu tnejn, ċjoè (a) li għall-bini l-qadim ("in respect of a former building") ikun tħallas jew ikun dovut ħlas mill-War Damage Account), u (b) l-bini l-ġdid, jew parti ta' bini ġdid mikrija għaliha, tkun *inbniet, f'kollox jew f'parti, minn jew fuq* is-sit ta' dak il-bini l-qadim. It-tielet kondizzjoni li suppost tirrikorri fil-każ ta' "parti ta' bini mikrija għaliha separatament" ħoloqha l-petizzjonant, u ma teżisti bl-ebda mod fil-liġi;

Mill-bqija, il-Qorti mhix sejra toqgħod tidħol fl-eżami tas-supposti nkonvenjenti li, skond il-petizzjonant, l-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija fis-sentenza mpunjata tista' ġġib f'każijiet ipotetiċi. L-ewwelnett, kieku stess anki dan kien veru, *il-kritika kienet tista' tkun* talvolta *ndirizzabbli* lil-"liġi". It-tieni nett, jekk hemmx dawk l-inkonvenjenti jew le jiddependi mill-mod kif isir il-kalkolu tal-kera xieraq provvdut fl-istess proviso fil-każijiet li għalihom japplika, u l-Qorti ġa qalet fis-sentenza appellata li dawn il-kalkoli huma rimessi mill-istess liġi għas-sodisfazzjon tal-Board; u l-Qorti għalhekk ma daħletx fihom ħlief biex tissodisfa ruħha li l-Board ha in konsiderazzjoni l-elementi kollha li kienu skond il-liġi japplikaw "għall-każ". Bis-sentenza mpunjata kien "dak il-każ konkret" li ddeċidiet il-Qorti, u ebda disgwid *minn dawk prospettati mill-petizzjonant* ma ġie pruvat li ġara, ħlief, naturalment, li l-petizzjonant ma otteniex mill-Board l-ammont ta' kera li hu kien qiegħed jistenna. Mill-bqija, id-dispożizzjoni tal-liġi in kwistjoni ilha sseħħ ħafna snin, u, preżumibbilment bl-istess kriterji tekniċi applikati fil-każ tal-petizzjonant, ġie kalkulat il-kera xieraq ta' mijiet, almenu, ta' appartamenti, flats u kirjiet separati oħra, mibnijin flok u fuq is-sit ta' djar singoli qodma distrutti jew danneġġjati bil-gwerra, u hekk rikostruwiti in parti bi flus kontribwiti mill-War Damage Account; *u minn imkien majidher li ġraw l-inkonvenjenti supposti*

mill-petizzjonant. Għall-kuntrarju, hu assolutament żgur illi bl-interpretazzjoni suġġerita mill-petizzjonant jiġru l-inkonvenjenti veri u reali li ġa ġew senjalati fis-sentenza mpunjata, li jġibu l-evażjoni u l-isfratt komplet tal-iskop evidenti tal-liġi kull meta, bħal ma hu frekwenti l-każ, il-bini l-antik jiġi sostitwit b'żewġ kirjiet jew iżjed li kull waħda minnhom hija "dwellig house" għaliha. B'dan il-mod, il-vantaġġ li l-liġi riedet tassigura lill-kerrej, fis-sens li anki l-kiri ta' parti minn bini akbar, jew anki ta' kamra mikrija separatament mill-bqija tal-bini, igawdi l-protezzjoni tal-liġi, jiġi stranament deformat fi żvantaġġ;

Fl-aħħarnett, apprezzament korrett ta' dak li tgħid il-liġi fid-definizzjoni ta' "fair rent" għar-rigward ta' "new house" fl-inċiż (ii) ta' dik id-definizzjoni, moqri fl-imkien mal-proviso tiegħu, juri illi l-inkonvenjenti msemmija mill-petizzjonant ma jeżistux affattu. Simplifikata għal dak biss li hu rilevanti għall-każijiet bħal dak tal-petizzjonant deċiż bis-sentenza mpunjata. id-dispożizzjoni tal-liġi timporta dan biss: L-ispiża totali li hu nefaq fil-kostruzzjoni tal-blokk ta' flats kienet magħmula in parti minn flus li hu rċieva mill-War Damage Commission, u in parti minn flus li hu żied minn tiegħu. Suppost, u dan hu favur tiegħu, illi l-blokk kellu jikkonsisti fi flats użati bħala "dwellings", it-total tal-kera xieraq għalihom kollha, li hu ntitolat għalieh skond il-liġi, hu komputabbli b'dan il-mod: fuq il-parti mill-ispiża ntiera kontribwita mill-War Damage Account hu jista' jdaħħal biss daqs il-kera li kellha d-dar il-qadima fil-31 ta' Marzu 1939. jew, jekk dak il-kera kien iżjed minn 3½% fuq l-ammont ta' dik il-parti, allura dawn it-3½% fuq dan l-ammont; fuq il-parti li żied minn butu, hu ntitolat li jdaħħal 3½%. u hu ntitolat ukoll idaħħal ammont ieħor ugwali għal 3% fuq il-valur tal-art. Dan it-total ta' kera xieraq naturalment ġie kalkulat mill-Board, li mbgħad ovvjament iddistribwieh fuq id-diversi flats skond l-entità ta' kull wieħed minnhom, b'dawk il-kriterji tekniċi li l-liġi taffida f'idejh;

Għalhekk anki dan it-tieni motiv ta' ritrattazzjoni għandu jiġi eskluż;

Ikkunsidrat;

Fl-aħħarnett, *il-petizzjonant jilmenta illi għar-rigward* tal-ispejjeż tal-ħasil u illuminazzjoni tat-taraġ, is-sentenza mpunjata naqset li tieħu konsiderazzjoni tas-subsection (3) tas-section 4;

Issa, anki din il-kwistjoni ġa ġiet espressament diskussa u deċiża fis-sentenza mpunjata. F'dik id-deċiżjoni l-Qorti rriteniet illi, meħuda in konsiderazzjoni l-elementi li fuqhom skond il-liġi għandu jitqies il-kera xieraq, skond id-definizzjoni tiegħu mogħtija fl-art. 2, l-ispejjeż allegati *mill-petizzjonant ma kienux ċirkustanzi "which . . . . affect the fair rent"* tal-fond in kwistjoni. Minn dan jiġi illi l-art. 4(3), imsemmi mill-petizzjonant, ma kienx, għal dak ir-rigward, jgħodd għall-każ;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża fuq imsemmija; bl-ispejjeż kontra l-petizzjonant.